MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 773/2007

**Scancraft Studios (M) Limited**
**(C 8669)**

**Vs**

**Robert Dowling (K.I. 501774 M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta` Ottubru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Ewro 733.17c, rapprezentanti prezz ta` merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok SS1, SS2 u SS3.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 8 ta` Novembru, 2007 in forza ta` liema kkontesta t-talba attrici

billi fl-ewwel lok eccepixxa l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna ai termini ta` l-artikolu 2148b – fit-tieni lok li ma kienx il-legittimu kontradittur – li l-ammont ma kienx dovut – li l-ammont kien ezagerat u b'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Ra u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ha konjizzjoni tan-nota ta` osservazzjonijiet ipprezentati mill-konvenut dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami jehtieg li l-ewwel tigi sorvolata l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna avvanzata mill-konvenut ta` tmintax il-xahar ai termini ta` l-artikolu 2148 b, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-fatti li jirrizultaw ippruvati mill-process huma s-segwenti:-

1. Illi skond id-dokumenti ezebiti mill-attur Dok. SS1 sa Dok. SS3 l-ammonti mitluba kienu dovuta fil-31 ta` Lulju, 2005 – 11 ta` Awissu, 2005 – u 14 ta` Ottubru, 2005.

2. Illi l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini ta` l-artikolu 166A, Kap. 12 ipprezentata mill-konvenut innifsu ggib id-data tas-7 ta` Awissu, 2007 cioe` erba` xhur wara it-tmintax il-xahar mid-data ta` l-ahhar invoice, 14 ta` Ottubru, 2005;

3. Illi l-kawza in kwistjoni giet intavolata fis-17 ta` Ottubru, 2007, cioe` aktar minn sentejn wara d-data ta` l-ahhar invoice;

4. Illi l-merkanzija in kwistjoni mid-dehra si tratta ta` xi forma ta` reklami f'karta stampata apparentement ordnata mill-konvenut minn zmien ghal zmien. Dwar jekk tali merkanzija taqax taht id-definizzjoni ta` bejgh bl-imnut o meno, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sottomissjonijiet iskritti mill-abbli difensur tal-konvenut u

ghas-sentenzi hemm kwotati u a skans ta` repettizzjoni qieghed jesprimi ruhu fis-sens li l-bejgh odjern kien fil-fatt jaqa` taht il-kategorija ta` bejgh bl-imnut u kwindi l-artikolu tal-ligi dwar il-preskrizzjoni sollevat mill-konvenut huwa fil-fatt applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi tenut kont tar-rizultanzi hawn fuq esposti, ghandu jirrizulta minghajr ebda dubbju li fil-mument meta giet ipprezentata l-ittra ufficcjali u *multa magis* meta giet intavolata l-kawza odjerna kien gia` ddekorra l-perjodu preskrittiv ta` tmintax il-xahar.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess dan it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement ghalhekk jichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------